# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF
## ONOR. C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D

**Seduta tat-22 ta' Marzu, 2001.**

Citazz. Nru. 2972/96 CFS

Joseph u Jane Depasquale

vs

Maria Spagnol

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-attur ippremetta

Illi l-kontendenti dahlu f'att ta'konvenju esebit bhala Dok. B datat 18 ta' Marzu 1996 redatt quddiem in-nutar Joseph Tabone u dan dwar xiri ta' fond urban ossia terraced house bla numru u bl-isem Sweat Peas Triq Gross, M'Scala.

Peress illi dan il-bejgh kien ser issir bil-prezz ta' tlieta u erbghin elf lira Maltin (Lm34,000) li minnhom l-atturi hallsu bhala kapparra s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000).

Peress illi dan il-konvenju kellu jiskadi fit-18 ta' Settembru 1996 u qabel din id-data l-konvenuta kellha stante li kienet intrabtet fl-istess konvenju, tlesti l-bieb tal-kamra tas-sodda u l-bieb tal-kamra tal-banju.

Peress illi sal-gurnata meta kellu jiskadi dan l-istess konvenju, il-konvenuta kienet ghadha ma lestietx dawn ix-xogolijiet kif del resto jigi pruvat waqt is-smigh tal-kawza.

Peress illi l-atturi ghalhekk interpellaw lill-konvenuta sabiex tirrifondilhom is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) li huma kienu hallsu lill-istess konvenuta u dan anke permezz ta' ittra bonarja esebita bhala Dok. A.

Peress illi sal-guranta tal-lum il-konvenuta ghadha ma rrifondiet ebda hlas.

Tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara xolt il-konvenju esistenti bejn il-partijiet datat 18 ta' Marzu 1996.

2. Tordna lill-konvenuta tirrifondi lill-atturi s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) bl-imghaxijiet mid-data tal-istess konvenju.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza, tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi presentat kontestwalment u tal-ittra ufficjali tas-19 ta' Settembru 1996 u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Maria Spagnol [prezentata tardivament] li eccepiet:

Illi preliminarjament il-prezentazzjoni tac-citazzjoni u c-citazzjoni per se hija nulla u irritwa stante li meta l-kawza giet kancellata fl-14 ta' April 1999, kellha tigi osservata procedura indikata fl-indici liema procedura ma gietx osservata u ghalhekk ma setghetx tigi prezentata u/jew accettata l-prezentazzjoni tac-citazzjoni mill-gdid qabel il-kondizzjonijiet jigu osservati skond il-ligi.

Illi fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante li kienu l-istess atturi li hassru l-bejgh minghajr ebda raguni valida stante li ma ridux li jigi indikat is-somma shiha debitament miftiehma fil-konvenju, u kif titlob il-

ligi, fejn bhala konsegwenza il-bejgh sfratta bla ebda raguni valida fil-ligi;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-verita ta' sfrattar tan-negozju ma kienx minhabba l-allegazzjonijiet kif indikat fic-citazzjoni u ghalhekk it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi l-attur xehed li sal-lum il-konvenuta ghada ma ghamlet ebda hlas lura mill-LM4000 ghalkemm kien talabhomlha diversi drabi. Dan gie konfermat minn Jane Depasquale.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta maipprezentatx nota tal-eccezzjonijiet taghha fiz-zmien li trid il-ligi u ghalhekk waqghet kontumaci. Lanqas ma saret talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Saret it-talba a tenur l-artikolu 158 (10) tal-Kap 12.

Ma giex kontestat li kien sar Konvenju bejn il-partijiet liema konvenju huwa dak esebit. Fil-fehma tal-Qorti kuntrarjament ghal dak imsemmi mill-konvenuta fin-nota ma hemmx bzonn ta' produzzjoni tan-Nutar. Hemm kopja tal-konvenju li hadd ma allega xejn fuq l-istess konvenju. Fin-nota taghha, l-konvenuta ma gabet ebda raguni valida ghala t-talbiet tal-atturi ma ghandhomx jigu milqugha. Sostnit biss li l-valuri ma gewx imnizzlin kif suppost izda dan naturalment huwa kontra kull prova dokumentarja kif ukoll ta' xhieda. It-talba ghar-rixxessjoni tal-ftehim b'ebda mod ma giet validament sostnuta.

Lanqas ma gabet xi provi l-konvenuta li kuntrarjament ghal dak pattwit, il-bieb tal-kamra tas-sodda u l-bieb tal-kamra tal-banju ma kellhomx jitlestew, jew li fil-fatt kienu tlestew u mhux veru dak li qalu l-atturi. Jidher li kien car li din il-klawsola tal-ftehim giet miksura mill-konvenuta. L-atturi it-tnejn li huma ikkonfermaw il-kontenut tal-konvenju u li l-bibien ma kinux lesti. Ikkonfermaw li ma thallsu xejn mill-ammont ta' LM4000.

Illi ghal dawn il-motivi it-talbiet tal-atturi jidhru gustifikati u l-Qorti ma issib ebda raguni ghala ma ghandiex tilqaghhom. Ghal dawn il-motivi tiddikjara xolt il-konvenju esistenti bejn il-

partijiet datat 18 ta' Marzu 1996 minhabba nuqqas ta’ adempiment tal-obbligi assunti mill-konvenuta.

Inoltre wara li rat li fil-fatt l-atturi kienu hallsu lill-konvenuta l-ammont ta’ LM4000, u peress li l-konvenju gie xolt minghajr ebda tort tal-atturi, tordna lill-konvenuta tirrifondi lill-atturi s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) bl-imghaxijiet mid-data tal-istess konvenju.

Spejjez kontra l-konvenuta.